**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA** **minn JOSEPH SERRACINO**

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (16)

Fil-kitba tal-lum se nislet xi siltiet mill-intervista li kont għamilt lil Salvu Grech – dilettant Sengleaan li fi kliemu, ir-Regatta Nazzjonali u l-festa tal-Vitorja minn dejjem kienu parti minn ħajtu.

Għalih, l-Isla fir-Regatta kienet tiġi l-ewwel u qabel id-distretti l-oħra, anke meta l-ekwipaġġi Sengleani fis-snin 70 u 80 ma baqgħux jirbħu r-rebħ tal-paljijiet bħalma kienu jagħmlu fis-snin 50 u 60. Lil Salvu (illum mejjet) kont ilni nafu s-snin, dejjem għandu x'jagħmel u dejjem m'għaġġel, iżda meta kont niltaqa' miegħu u nsemmilu r-Regatta, allura kien jinsa' l-għaġġla tiegħu u jintilef jitkellem dwarha.

Din l-intervista kont għamilthielu fid-dar tiegħu fil-bidu tas-snin 80, iżda aktar tard kont għamiltlu oħra meta kien rikoverat fid-dar ta' l-anzjani Sant'Anna, fl-Isla. L-ewwel mistoqsija tiegħi kienet dwar x'tifkiriet kellu tat-tiġrijiet ta' qabel il-gwerra. B'kalma kbira fuqu beda hekk:

"… fi tfuliti niftakar lill-qaddiefa Sengleana jieħdu ħsieb l-opri li kienu se jġerru bihom, u ladarba l-opra tintiżen u tingħata s-sinjal allaħares xi ħadd jersaq maġenbha.

"L-għoti tas-sinjal (il-bandiera) kien ifisser li l-opra tkun tkejlet u lesta għat-tiġrija. Il-kejl kien isir fil-Boat House tal-Gvern, il-Marsa, lejlet il-Vitorja fil-għodu jew fil-għaxija dejjem skond kif kien imissek. Ġieli marru erba' dgħajjes, u meta jirritornaw il-Ponta kienu jmorru tnejn oħra. L-istess kien jiġri fis-snin 50.

"Jien, ġieli kont inkun preżenti għall-għoti tas-sinjal u mhux l-ewwel darba li magħna kellna lil ta' Bormla jew tal-Birgu.

"Qatt ma niftakar li nqala' xi argument jew inkwiet fost il-qaddiefa. Ir-rivalitá u l-pika ta' bejniethom kienu jħalluha waqt it-tiġrija fejn kull ekwipaġġ kien jagħmel l-almu tiegħu biex jegħleb lir-rivali tiegħu u jirbaħ il-palju ta' l-ewwel għal-lokalitá tiegħu …"

"Safejn niftakar jien, fi tfuliti, l-ebda qaddief minn xi distrett ma kien imur f'distrett ieħor qabel it-tiġrija. Kif taf int, normalment il-qaddiefa li kienu



L-aħħar fażi tal-korsa tad-dgħajjes ta' bl-Erbgħa fl-1938

jġerru fir-Regatta kienu jkunu barklori u għalhekk kollha kienu jafu lil xulxin u jiltaqgħu fuq il-lant tax-xogħol, iżda biex żgur ma jinqalax inkwiet bejniethom ftit li xejn kienu jitkellmu

"Waqt il-provi, l-atmosfera fil-port kienet tkun qisha t-tiġrija. Id-dwana u x-xtut tal-Belt u tal-Furjana kienu jkunu mimlijin bin-nies, u daqshekk ieħor kienu mimlijin bin-nies il-Ponta tal-Isla u l-ġnien tal-Gardjola, ħafna minnhom bl-*istop watches* f'idejhom jirrekordjaw il-ħin ta' kull dgħajsa li tieħu t-triq. Fil-Gardjola ġieli ltqajt ma' Bormliżi li kienu jaħdmu miegħi t-tarzna, iżda dari, fil-Gardjola kien ikun hemm biss nies mill-Isla għax ta' Bormla u tal-Birgu kienu jħobbu jmorru jaraw il-provi mix-xatt tal-Belt jew inkella minn fuq id-dgħajjes …."

*Salv, jingħad li Marsamxett kienu jidħlu fil-kanal jumejn qabel il-Vitorja … kellhom xi maħżen f'Xatt il-Belt fejn jerfgħu d-dgħajjes?*

"Marsamxett kienu jitħarrġu fil-port l-ieħor …kienu jidħlu għal provi jumejn qabel it-tiġrija. Kienet tkun xena sabiħa, kienu jġibu magħhom Ferilli, Dgħajjes, Frejgatini, Kajjikki u sahansitra laneċ mimlijin bin-nies, u f'nofshom id-dgħajjes tat-tiġrija … l-aħħar ġimgħa ta' provi, ħafna mid-dilettanti kienu jqisuha bħala tiġrija kuljum, għax kull dgħajsa tat-tiġrija kienet tkun armata bl-aħjar qaddiefa ta' kull distrett u allura wieħed seta' faċilment josserva r-rivalitá li kienet teżisti bejniethom anke fil-provi, l-aktar meta żewġ opri rivali jinzertaw telgħin flimkien fil-kanal …

"Le, jien ma niftakarx li Marsamxett kellhom xi maħżen f'xatt il-belt … kienu jirritornaw lejn Marsamxett flimkien tard filgħaxija … s'intendi, l-istess xena ta' saħħa u briju kienet tirrepeti ruħha f'jum il-Vitorja xi siegħa qabel ma tibda r-Regatta …"

*Salv nismagħhom jgħidu li l-imgħallem Leli Pulé li kellu l-maħżen tiegħu l-Kalkara, fis-snin tletin kien bena erba' dgħajjes tal-Pass għall-erba' distretti kbar - Bormla, Birgu, Isla u Marsamxett … x'taf tgħidli dawn id-dgħajjes?*

"L-erba' dgħajjes li qed issemmi int kienu nbnew mill-imgħallem Leli Pulé tal-Kalkara - waħda għal Bormla, l-Isla, il-Birgu u Marsamxett qabel il-gwerra.

"Dawn kienu dgħajjes mibnijin apposta għat-tiġrija u kienu jsejħulhom 'Fancy Boats'. Jien ma niftakarx jekk jekk id-dwana kinitx tathom il-pass tal-għaxra. L-ewwel dgħajsa li nbniet kienet għad-distrett ta Marsamxett, u fit-tiġrija kienet miżbugħa safra. Niftakar li l-Beltin kienu ġerrew biha weħidhom, u l-ekwipaġġ tagħhom kien ġerra bl-ewwel tliet qaddiefa bilqiegħda u l-poppier bilwieqfa … jekk m'iniex sejjer żball, il-poppier tagħha kien Karmnu Saliba magħruf bħala l-Krajm. Dak in-nhar l-ebda distrett ma kien ipprotesta għax din id-dgħajsa kienet ħafifa.

"Is-sena ta' wara, id-distretti tal-Isla, ta' Bormla u tal-Birgu ordnaw waħda bħalha għand l-imgħallem Pulé, u b'hekk fis-sena ta' wara għat-tiġrija fil-kanal kien hemm erba' dgħajjes l-istess.

"Niftakarhom jgħidu li dawn id-dgħajjes kienu jbatu fuq il-pruwiera, u minħabba hekk l-Isla kienu tellgħu lil ċertu Charlie Formosa (tal-Oscar) u allura d-dgħajsa ġiet fuq iż-żewġ bordijiet. Niftakar ukoll li l-ekwipaġġ ta' din id-dgħajsa li kienet issemmiet Vittoria kien kompost minn Charlie Formosa (tal-Oscar) Leli Micallef (in-Nanna Klara), Lorry Caruana u George Caruana (Il-Bubli John)."

*Dawn id-dgħajjes kienu ta' sidien privati jew tal-poplu bħalma kienu l-Kajjikki t-Twal?*

"Kienu tal-poplu, għall-inqas tagħna kienet żgur … kienet saret mill-ġbir fost il-barklori u d-dilettanti Sengleani … niftakar li anke lotteriji kienu jsiru f'ras it-taraġ tal-Ponta …"

*Dawn id-dgħajjes kienu ġerrew bihom wara l-gwerra?*

"Ma ġerrewx bihom fl-1951 għaliex fil-gwerra spiċċaw it-tliet dgħajjes minn erbgħa u baqgħet biss dik tal-Isla.

"Meta fl-1951 tħabbar li kienet se jsir it-tiġrija, u d-distretti tal-Birgu u tal-Marsa saru jafu li l-qaddiefa Sengleani kienu se jġerru biha bdew jipprotestaw fuqha għax saħqu li din id-dgħajsa kienet eħfef mill-oħrajn, u minħabba hekk, f'dik l-edizzjoni din id-dgħajsa ġerriet f'kategorija oħra. … niftakar li fiha kien ġerra zijuk Kieli … u jien biex niċċajta miegħu kont ngħidlu - tieħu l-ewwel għax se jġerri waħdek …

"Dak iż-żmien id-distrett tal-Isla kien qed jifforma ruħu mill-ġdid, u għalhekk insibu numru kbir ta' ħabrieka fosthom Ġużeppi Formosa (In-Niger), Salvu Mizzi (il-Pajsu), Kieli Degiorgio (Favett), Gustu Cachia (Battajola) li kien jieħu ħsieb il-laqgħat li kienu jsiru perjodikament fid-dwana, is-surmast Censu Borg, Pawlu Gaffarena (Gidoni) u ħafna oħrajn li kellhom għal qalbhom ir-Regatta …"

*ikompli f'ħarġa oħra*